MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-28 ta' April, 2014

Talba Numru. 775/2012

**Edward Fabri (K.I. 378757M)**

**vs**

**RMF Limited (C8184) u b'digriet ta' dan it-Tribunal ta' nhar l-10 t'April,2013, intervjeniet fit-talba s-Socjeta 'Atlas Insurance PCC Limited'.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tal-attur li bih ppremetta illi l-kumpanija intimata tigi ordnata thallas s-somma ta' erbgha mija u tnejn u ghoxrin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€422.73), rapprezentanti danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza t'incident stradali li sehh fil-31 ta' Marzu, 2012, meta

vettura tal-kumpanija intimata tat-tip Iveco bin-numru ta' registrazzjoni RMF002 dahlet fil-karozza proprjeta' tal-mittenti tat-tip Fiat Uno bin-numru ta' registrazzjoni AAG908.

Illi minkejja li l-kumpanija intimata giet diversi drabi interpellata sabiex thallas tali danni, l-kumpanija intimata baqghet inadempjenti, ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-kumpanija intimata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' intimata, RMF Limited, li eccepiet illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur ghas-segwenti ragunijiet:

Illi preliminarjament is-socjeta' konvenuta tecepixxi n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal *stante* li l-mertu jitratta incident stradali, u li ghalhekk l-attur kellu jirrikorri ghal proceduri ta' arbitragg kif stipulat permezz tal-Artikolu 15(11) tal-Kap 387 tal-Ligijiet ta' Malta u l-paragrafu 1.2 tar-Raba' Skeda tal-istess Att.

Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost is-socjeta' konvenuta mhijiex il-legittimu kontraditur peress li ma kienet bl-ebda

mod involuta fl-incident mertu ta’ dawn il-proceduri, u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-incident sehh unikament rizultat ta’ forza magguri u ghaldaqstant l-attur m’ghandu ebda rimedju kontra s-socjeta’ konvenuta ghad-danni li seta’ sofra kawza ta’ dan l-incident.

Salv eccezzjonijiet ohra permessi bil-ligi.

Ra ir-risposta tal-intervenut fil-kawza, Atlas Insurance PCC Ltd, li eccepixxa illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghas-segwenti ragunijiet:

Illi s-socjeta’ intimata RMF Limited m’hijiex il-legittima kuntradittrici *stante* illi m’ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent u ma kkawzat l-ebda hsara jew danni lir-rikorrenti u b’hekk ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, s-socjeta’ intimata RMF Limited m’hijiex responsabbli ghall-incident in kwistjoni u ghad-danni konsegwenzjali.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-incident in kwistjoni sehh unikament minhabba li kien hemm iz-zejt fit-triq u b'hekk zgur li ghal dan l-incident m'hijiex responsabbli s-socjeta' intimata RMF Limited.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, r-rikorrenti ghandu jgib prova tad-danni realment subiti minnu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Fir-riposta taghha s-socjeta konvenuta ssollevat l-eccezzjoni tal-inkompetenza ta' dan it-Tribunal *stante* illi *si tratta di* incident stradali u ghalhekk l-attur kellu jirrikori ghall-arbitragg manadarju skont l-artikolu 15(11) *ai termini* tal-paragrafu 1.2 r-raba' skeda tal-Kapitlu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra il-verbal tas-26 ta' Frar, 2014 fejn it-talba thalliet ghas-sentenza *in parte* dwar l-ewwel eccezzjoni. Ghalhekk, it-Tribunal ser jghaddi sabiex jezamina u jiddeciedi dwar il-kompetenza *o meno* ta' dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni tat-talba attrici u dan ghaliex jista' jkun li tali

kompetenza hija vestita fic-Centru Malti tal-Arbitragg *ai termini* tar-raba' skeda tal-kapitlu 387.

Mill-provi jirrizulta:

Illi din it-talba tirrigwarda danni subiti fuq il-vettura AAG 908 proprjeta' ta' Edward Fabri meta fi 7.15 ta' filghodu ta' 31 ta' Marzu, kien ghaddej fi Triq il-Qawra u trakk tal-RMF bit-targa RMF002 li kien fil-*lane* oppost dahal f'parapett u rega dahal f'parapett iehor sa fl-ahhar spicca jahbat fil-karozza tal-attur. Skont l-attur is-sewwieq deher li kien tilef il-kontrol tal-vettura. L-attur kellu hsara ta' circa erbgha mija u hamsin ewro (€450), ara Doks 4 sa 7, a folio 3 tal-process.

Ikkonsidra,

L-Att Dwar L-Arbitragg (Kapitlu 387) jistipula fis-subparagrafu 1.2 tar-Raba' Skeda, tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-mutur:

> *"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:*
>
> *(a) kollizjoni bejn vetturi, jew*
>
> *(b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi, jew*

*(c) talba bhal dik kontra assiguratur awtorizzat, kumpanija assiguratrici fuq il-hajja, underwriter approvat mill- Ministru responsabbli ghat-trasport jew persuna ohra li skond l-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni (Kap. 104) jew xi polza ta' assigurazzjoni, tista' tkun responsabbli dwarha, u*

*(d) li l-valur taghha ma jkunx jeccedi l-hdax-il elf u sitt mija u sitta u erbghin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).*

Illi sfortunatement il-kwistjoni tal-gurisdizzjoni ta'kawzi ta' tip simili ghadhom ma gewx rizolti b'mod deffinitiv. Infatti hemm diversi sentenzi konfligenti f'din il-materja[1]. Fil-kawza **Atlas Insurance Insurance PCC Limited noe v Roberto Borg et** [2] sar studju pjuttost dettaljat tas-sentenzi u divergenzi ta' opinjonijiet.

Illi minnhom tispikka il-kawza **Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Av. Dr. Therese Comodini sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Av. Dr. Therese Comodini v Gevimida Limited** (deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fit-23 t'Ottubru, 2009). Il-Qorti tal-Appell ghamlet referenza ghat-titolu "Tilwimiet dwar it-Traffiku tal-Vetturi" u ddikjarat illi:

---

[1] Ara **Carmelo u Sonia Ritchie v Renald Barbara** (Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar deciza fil-25 ta' Gunju 2012) vis a vis **Atlas Insurance Insurance PCC Limited noe v Roberto Borg et.**(Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar deciza fil-15 ta' Lulju 2013).

[2] Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar deciza fil-15 ta' Lulju 2013.

> "*dan ifisser illi l-incident jew il-hsara in kwistjoni trid tirrizulta minn sinistru stradali cioe' minn incident tat-traffiku*".
>
> *Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti il-ligi kif inhi rettament interpretata ma ssostniex il-pretensjoni tal-appellanti ictu oculi mill-istess intestazzjoni ta' sub paragrafu 1.2 il-kontroversja li il-legilslatur jirriserva b'mod mandatarju lill-Arbitragg huma dawk li ghandhom rapport kazwali ma' incident tat-traffiku li jikkaggunaw dannu materjali fl-istess vetturi jew fi propjeta' ta terzi b'effett tat-tamponament f'dik l-istess propjeta' mill-vettura jew vetturi ko-involti f'dak l-istess incident stradali. Il-kaz ta' tigrif ta' hajt fuq vettura stazzjonarja minghajr dik il-konessjoni m'hijiex wiehed minn dawn. Sewwa ghalhekk irraguna it-Tribunal illi dak ikkontemplat mill-ligi hija hsara kagonata bl-intervent ta vettura u mhux hsara li tista ssehh fuq vettura, hi x'inhi il-fonti taghha* [3]

Fil-kawza **Joseph Ciscaldi noe v Nicholas Camilleri** [4] l-Onorabbli Qorti kellha quddiemha kawza ta' danni fuq vettura mikrija mis-sewwieq stess meta saq il-karrozza minghajr zejt. Il-Qorti waslet ghal konkluzjoni djattrikament oppost ghas-sentenza kwotata fuq u ghamlet emfazi fuq il-kliem tal-ligi li jindikaw jekk incident sehh minhabba att voluntarju jew involuntarju – *ossia*:

> *meta il-hsara fuq proprjeta' li tikkonsisti f'vettura u qed jigi allegat li giet ikkawzata involuntarjament mela allura tali mertu huwa suggett ghall-arbitragg mandatarju.*

---

[3] Ara ukoll il-kawza **Valletta Gateway Terminals vs Redent Zammit** (Tribunal ghal Talbiet iz-Zghar -Deciza fit 27 ta' Gunju 2012

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fid-19 t'April 2012

Is-socjeta' konvenuta biex tissostanza l-eccezzjoni sollevata minnu ccita s-sentenza: **H Vassallo and Sons Limited vs Avukat Generali** [5] fejn l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali kellha quddiemha kwistjoni dwar arbitragg mandatarju skont l-Artikolu 1.3 tar-Raba' skeda tal-Kap 387 *ossia* tilwima ghas-servizzi tad-dawl u ilma. Fejn kaz ta' tilwima ma' Dipartiment tal-Gvern li jipprovdi dawn is-servizzi *ossia* (Water Services Corporation u/jew Enemalta) il-procedura tal-Artikolu 15(11) cioe' arbitragg mandatarju jidhol fis-sehh. Is-socjeta' konvenuta kkwotat il-Qorti Kostituzzjonali li kienet iddikjarat illi:

> *l-arbitragg mandatarju bhala effett tal-Artikolu 1.3*[6] *tar-Raba' skeda tal-Att dwar l-arbitragg fid-dawl tal-artikolu 15(11) huwa lesiv tad-dritt ghas-smigh xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-konvenzjoni Ewropea kif inkorprata fl-Att dwar il-konvenzjoni Ewropea (Kap 319).*

Illi pero't-Tribunal ghandu quddiemu tilwima bejn zewg partijiet skont l-Artikolu 1.2 tar-Raba' skeda tal-Att dwar l-arbitragg li ghaliha hemm konsiderazzjonijiet m'humiex identici ghall-kwistjoni ghaliex, per ezempju, hawn *si tratta di* zewg persuni u mhux Dipartiment tal-Gvern. Ghalhekk sakemm din il-ligi tibqa' *in vigore* u ma hemmx kontestazzjoni

---

[5] Qorti Kostituzzjonali Rik Nru 31/08 deciza fit-30 ta' Settembru 2011
[6] Tilwimijiet dwar servizzi tad-dawl u ilma

specifika, t-Tribunal irrid jaghti interperetazzjoni ta' dak li jidhirlu kien l-intenzzjoni tal-legistlatur.

It-Tribunal sedenti jaghmel referenza ghall-verzjoni Ingliza tal-istess titolu tal-Kap 887 li huwa: *"Motor Traffic Disputes"*. Wiehed bilfors ghandu jinnota il-kliem ***motor traffic*** [7] li skont dan it-Tribunal ma jhalliex wisq interpretazzjoni. Ghalhekk in sostenn tas-Sentenza ***Middlesea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Av. Dr. Therese Comodini sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Av. Dr. Therese Comodini v Gevimida Limited,*** it-Tribunal huwa tal-fehma illi t-tilwima ghandha tkun jew tirrizulta minn incident awtomobilistiku stradali biex taqa' taht il-gurisdizzjoni tac-Centru tal-Arbitragg. F'dan il-kaz huwa skont it-Tribunal li dan il-kaz huwa carament incident stradali fejn sehhet kollizzjoni bejn zewg vetturi u ghalhekk ghandha l-applikazzjoni tal-Artikolu 1.2 (a).

**Decide**

Fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi din it-tilwima ma taqax taht il-kompetenza tieghu u ghalhekk jieqaf milli jiehu konjizzjoni tal-kawza.

[7] Emfazi mizjuda

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------